TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 20/11

**Mario u Carmen Agius**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 5 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' elf, erba' mija u disgħin ewro (€1,490), rappreżentanti prezz ta' solar water heater li ma baqax isaħħan u minkejja li ġew isewwuh, xorta baqa' bil-problema li ma jsaħħanx.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu xtraw solar water heater mingħand id-ditta intimata għal prezz ta' elf, erba' mija u disgħin ewro (€1,490), u wara xi żmien dan is-solar water heater ma baqax isaħħan. Minkejja li ġew biex jirranġawh, fis-sens li anke biddlulu t-thermostat u t-tubu, l-problema xorta baqgħet hemm.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi kull darba li kien imur it-technician kien isib l-ilma sħun. L-aħħar li mar it-technician kien għadu l-10:00am u t-temperatura ma kinitx għada saħnet biżżejjed u għalhekk ma kien hemm xejn ħażin fis-solar water heater.

It-Tribunal ordna wkoll illi jsir aċċess fuq il-post sabiex jaraw it-temperatura tas-solar water heater u ġie ppreżentat ir-riżultat tat-test li sar quddiem ir-rikorrenti, fejn irriżulta li minkejja li kienet ġurnata kemm xejn bis-sħab, it-temperatura ta' l-ilma xorta saħnet.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal huwa konvint illi s-solar water heater jaħdem tajjeb, u forsi kien nuqqas ta' ħin sabiex tistenna sakemm jisħon, illi kien qed jilmenta bih ir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**